MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1310/2000/1

**John Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Ballut Blocks Limited**

**Vs**

**Gaetano Galea**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' John Vella *nomine* pprezentat fis-26 ta' Gunju tas-sena 2000 illi permezz tieghu huwa espona:-

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Mejju 1991 fil-kawza fl-ismijiet premessi (Citazzjoni Numru 122/91 FGC – Dok. A) l-esponenti *nomine* gie kononizzat kreditur ta' l-intimat fis-somma ta' elfejn seba' mija u tlieta u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm2793.30) oltre ghall-imghaxijiet fuq l-imsemmija somma u ghall-ispejjez

tal-kawza ammontanti ghal mija u tmienja u sebghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm178.61) kif tidher mit-taxxa mehmuza mar-rikors (Dok. B);

Illi in segwitu ghal tali sentenza l-esponenti beda proceduri ghall-bejgh bis-subasta (Sub. 58/94K) ta' immobbli appartenenti lill-intimat, liema proceduri pero` ma komplewx isehhu minhabba l-agir ta' l-istess intimat;

Illi llum il-gurnata l-intimat ghadu ma hallas xejn mis-sorte u l-ispejjez kanonizzati mill-imsemmija sentenza, illi issa ilha aktar minn hames snin li giet deciza;

Ghaldaqstant l-esponenti *nomine* talab lil din il-Qorti biex ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizzah jesegwixxi mill-gdid l-imsemmija sentenza tat-30 ta' Mejju 1991, kontra l-intimat bl-ispejjez;

Rat illi l-intimat ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta ghar-rikors odjern;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Is-socjeta` attrici ppromuoviet permezz tr-rikors minnha prezentat talba biex tirrendi ezekuttiva sentenza minnha ottenuta mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Mejju 1991 fil-konfront ta' l-intimat, konvenut f'dik il-kawza l-ohra;

Tali talba hi konsentita mil-ligi bl-operat ta' l-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ir-rikors intavolat ma jinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt. Jinvolvi biss deliberazzjoni ta' punt ta' ligi, anke jekk jirrizulta li t-talba baqghet inkontestata bil-fatt ta' l-istat kontumacjali ta' l-intimat;

Una volta s-sentenza kienet wahda valida u una volta kienu ghaddew hames snin kien mehtieg sabiex l-istess sentenza tigi reza esegwibbli li ssir il-prezenti procedura biex proprju dik l-istess sentenza issir mill-gdid titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konvenut;

Dan ghaliex, fin-nuqqas, is-socjeta` attrici ma setghetx tkompli u tikkonkludi l-proceduri tas-subasta minnha inizjati biex tottjeni dak lilha dovut.  Dan minhabba li bil-perkors taz-zmien dik is-sentenza, f'dak il-mument, ma kienetx ghadha titolu ezekuttiv;

Jidher li bix-xhieda tieghu fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2001 ir-rikorrenti *nomine* ottempera ruhu wkoll mar-rekwizit essenzjali dettat mill-precitat Artikolu 258 tal-Kap. 12 fis-sens li hu "ikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li taghha jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, kif ukoll li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Ghal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti *nomine* fis-sens li tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tezegwixxi mill-gdid l-imsemmija sentenza tat-30 ta' Mejju 1991 fil-kawza fl-ismijiet premessi; bl-ispejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------